**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 669/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**Vs**

**Saad El Hazzewi Muammar**

**Illum 11 ta' Ġunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Saad El Hazzewi Muammar ta' erbgħa u tletin (34) sena, imwieled il-Palestina fis-6 ta' Diċembru 1983, residenti f'Nru.4, Sqaq Nru.2, Triq il-Kbira, Qrendi u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 38585(A), talli nhar l-20 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta ta' 00:00hrs, ġewwa Binja L, Ent. C, Flat 3, Misraħ il-Qalbiena Maltin, Żabbar:

1. Mingħajr il-ħsieb li jotqol jew jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Stephania Grech, persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ai termini ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ikkaġuna lil Stephania Grech biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u dan għad-dannu ta' Stephania Grech ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ħebb għal Eysleen Xuereb sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara b'xi mod, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tipprovdi għall-persuni ta' Stephania Grech u familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat u tordna lil Saad El Hazzewi Muammar b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq*. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaż-żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, il-Qorti tordna lil Saad El Hazzewi Muammar sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li Saad El Hazzewi Muammar wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2018, senjatament stqarrija rilaxxata minn Saad El Hazzewi Muammar, Police Incident Report dwar dan il-każ, ċertifikati mediċi pertinenti għal Stephania Grech, Mandat ta' Arrest u Tfittxija datat 20 ta' Ottubru 2018 fil-konfront ta' Saad El Hazzewi Muammar, Dikjarazzjoni ta' Saad El Hazzewi Muammar dwar Jedd tal-Parir Legali, fedina penali ta' Saad El Hazzewi Muammar, Residence Permit ta' Saad El Hazzewi Muammar, a fol. 10 sa' 21 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Oriana Spiteri mogħtija waqt is-seduti tal-31 ta' Ottubru 2018[1] u tas-27 ta' Novembru 2018[2] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "OS1" u Dok. "OS2" a fol. 85 u 86 tal-proċess, semgħet id-dikjarazzjonijiet ta' Stephanie Grech[3] u ta' Eysleen Xuereb[4] magħmula waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, semgħet ix-xhieda ta' Silvana Calleja[5], ta' Laura Privitelli[6] u ta' PS 1576 Simon Grech[7] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 u rat ir-Risk Assessment ta' Stephanie Grech esebit minn Silvana Calleja markat Dok. "SC" a fol. 60 sa' 64 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Ryan Camilleri mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[8];

Rat li waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2019[9], id-Difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli terga' tressaq lil PS 1576 Simon Grech għall-fini tal-konferma tal-firma tiegħu fuq l-istqarrija ta' l-imputat u eżentatha wkoll milli tressaq bħala xhud lil PC 1304 Christopher Seychell dwar l-involviment tiegħu fil-każ;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni waqt l-imsemmija seduta tas-7 ta' Jannar 2019, debitament sopportata bid-dokument Dok. "OS1" a fol. 85 tal-proċess, li Dr. Alistair Bezzina ma għadux residenti Malta in kwantu mar jaħdem u jgħix fir-Renju Unit;

[1] Fol. 36 u 37 tal-proċess.
[2] Fol. 84 tal-proċess.
[3] Fol. 42 tal-proċess.
[4] Fol. 43 tal-proċess.
[5] Fol. 56 sa' 59 tal-proċess
[6] Fol. 65 u 66 tal-proċess.
[7] Fol. 67 sa' 69 tal-proċess.
[8] Fol. 82 u 83 tal-proċess.
[9] Fol. 89 u 90 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Frar 2019, li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 216 u 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 222(1) u 251B(1)tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Fl-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi xi tressaq inqraw l-Artikoli u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja, huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li il-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li waqt is-seduta tat-2 ta' April 2019[10], id-Difiża ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-20 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta ta' 00:00hrs, ġewwa Binja L, Ent. C, Flat 3, Misraħ il-Qalbiena Maltin, Żabbar: (1) mingħajr il-ħsieb li jotqol jew jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' Stephania Grech, persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ai termini ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) ikkaġuna lil Stephania Grech biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u dan għad-dannu ta' Stephania Grech ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) ħebb għal Eysleen Xuereb sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara b'xi mod, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[10] Fol. 94 tal-proċess.

Il-Prosekuzzjoni titlob sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tipprovdi għall-persuni ta' Stephania Grech u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat u tordna lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq*. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaż-żmien li tħoss xieraq. Titlob ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

Bil-għan li tipprova l-ħtija ta' l-imputat għall-akkużi mressqa fil-konfront tiegħu l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lill-Ispettur Oriana Spiteri, lill-allegati vittmi Stephanie Grech u Eysleen Xuereb, lis-Social Workers Silvana Calleja u Laura Privitelli, lil PS 1576 Simon Grech u lit-Tabib Dr. Ryan Camilleri.

L-**Ispettur Oriana Spiteri**[11] xehdet dwar l-informazzjoni li ngħatat lilha dwar inċident li allegatament inqala' bejn l-imputat u l-allegati vittmi Stephanie Grech u Eysleen Xuereb fl-20 ta' Ottubru 2018 ġewwa d-dar residenzjali ta' l-istess Stephanie Grech u l-eventwali passi li ttieħdu fil-konfront ta' l-imputat. Hija iddikjarat illi: *fl-20 ta' Ottubru 2018, għall-ħabta tas-sagħtejn kont infurmata mis-Surġent 1576 Simon Grech li kellhom każ ta' vjolenza domestika u li l-vittma kienet ittieħdet l-isptar bl-ambulanza. Ġejt infurmata wkoll li l-vittma kienet ċertu Stephanie Grech fejn kienet allegat li kellha argument mar-raġel tagħha u li dawn ma kienux jabitaw taħt l-istess saqaf u li waqt dan l-argument kien taħa daqqa ta' ras. Ġejt infurmata wkoll li l-isptar kienu marru xi social workers ta' l-Appoġġ fejn dawn kienu għamlu risk assessment fejn dan kien ġie high risk. B'hekk jiena għedt lis-Surġent biex jarresta lill-allegat agressur però dan irriżulta fin-negattiv għaliex ma kienx instab u kont infurmajt lill-Maġistrat ta' l-Għassa Dr. Josette Demicoli fejn wara li kont fehmtha l-każ x'kien, kien ħareġ Mandat t'Arrest fil-konfront ta' El Hazzewi Muammar li qiegħed hawnhekk u qed nagħrfu preżenti fl-Awla. L-imputat kien ġie kkuntatjat fejn hu ġie minn jeddu l-Għassa ta' Ħaz-Żabbar fejn hemm hu mgħoddi l-Mandat t'Arrest u ġie nfurmat ukoll fuqiex kien ser jiġi arrestat u ġie mgħoddi wkoll id-drittijiet tiegħu fejn qabel ma ttieħditlu l-istqarrija kien tkellem ukoll ma' l-avukat tiegħu Dr. Ludvic Caruana. Waqt li kienet qed titieħidlu l-istqarrija, Saad kien ammetta li kien mar ġewwa r-residenza fejn tabita l-mara tiegħu Stephanie u li kien għamel dan peress li kien inkwieta peress li t-tifel seta' ġralu xi haġa wara li pprova jagħmel kuntatt ma' Stephanie w anki mat-tifla tagħha Eysleen però kien ċaħad li kien agredixxa lil Stephanie kif ukoll lil Eysleen. Hu ġie meħud ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija fejn ġie miżmum il-lock up fejn fil-21 ta' Ottubru 2018 huwa tressaq il-Qorti quddiem il-Maġistrat Micallef Stafrace fejn ma ngħatax il-libertà provvizorja.*

**PS 1576 Simon Grech**[12] iddikjara li: *nhar l-20 ta' Ottubru ta' din is-sena għall-ħabta tan-nofs siegħa ġejt infurmat mill-Isptar Mater Dei li fi Triq Misraħ il-*

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, fol. 36 u 37 tal-proċess.
[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2018, fol. 67 sa' 69 tal-proċess.

*Qalbiena Maltin, Żabbar kien hemm ċerta Stephania Grech li kellha bżonn l-assistenza li kienet ġiet aggredita mis-sieħeb tagħha Saad Muammar El Hazzewi. Kont bgħatt lill-Pulizija hemmhekk fuq il-post imma l-ambulanza kienet telqet u kont mort l-Isptar Mater Dei u kellimt lil Stephania Grech fejn din kienet qaltli li dakinhar stess filgħodu s-sieħeb tagħha kien taha xi flus għat-tifel imbagħad ftit qabel kellimtha għal xi nofs il-lejl, kien ħabbat il-bieb, bexqet il-bieb u kien proprju is-sieħeb tagħha. Hu mbotta l-bieb biha, daħal ġewwa, kisser važun, daħal ifittex ġewwa, fittex biex jara t-tfal, u skond hi beda jfittex biex jara jekk hemmx xi raġel ieħor. Qabel ħareġ kien talabha dawk il-flus li kien taha filgħodu għat-tifel u kif qaltlu li mhux lesta li tagħtihomlu taha daqqa ta' ras u telaq 'il barra. Infurmajt lill-Ispettur Oriana Spiteri bil-każ li kienet ordnatli biex narresta lil El Hazzewi, kont mort infittxu d-dar tiegħu, ħabbat u ma kienx fetaħ. Anki ippruvajt naqbdu fuq il-mobile u ma rrispondiex.* In risposta għall-mistoqsija: *Inti għedtilna li kont mort l-Isptar biex tkellem lil Stephania, rajt xi ħaġa fuq Stephania?* PS 1576 Simon Grech wieġeb: *Iva kellha daqqa kbira fuq waħda minn għajnejha.*

F'dan il-każ kienu ssejħu wkoll Social Workers mill-Aġenzija Appoġġ għall-fini li jsir Risk Assessment ta' Stephanie Grech, esebit bħala Dok. "SC" a fol. 60 sa' 64 tal-proċess, u l-imsemmija Social Workers **Silvana Calleja**[13] u **Laura Privitelli**[14] iddikjaraw illi:

**Silvana Calleja -** *jiena flimkien mal-kollega tiegħi naghmlu parti mit-team ta' li naħdmu out of office emergency service on call wara l-ħinijiet tax-xogħol u għajtulna l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar biex nintervjenu fuq Risk Assessment tas-sinjura Stephania Grech li dak il-ħin kienet tinsab l-Emerġenza tal-Mater Dei u morna niltaqgħu flimkien mal-Pulizija l-Emerġenza ta' Mater Dei. Kif wasalna insibu lis-sinjura Grech. Mill-ewwel stajt tara li kellha black eye kienet minfuħa ħafna u kella qata' fuq għajna ukoll. Qisu kien hemm oħtha fil-kamra madwar is-sodda fl-Emerġenza. Qisu mill-ewwel bdew igħidulna x'ġara u stennejna lill-Pulizija biex jagħmlu ir-risk assessement. Qisu mal-ewwel qalulna li f'dik il-lejla, anżi l-affarijiet bdew minn filgħodu meta r-raġel tagħha s-sur Saad El Hazzewi kien mar id-dar tagħha u taha xi flus. Qisu filgħaxija iddeċidew li ħa joħorġu bħala familja u ħarġu u rritornaw lura tard bil-lejl. Tard bil-lejl imbagħad reġa' mar ir-raġel tagħha d-dar tagħha, beda jgħidilha li jixtieq jara lit-tifel, hekk kif daħal, qaltilna mill-ewwel li ken hemm važun u kisser važun. Allegat li kien taħt l-effett tax-xorb u li kellhom l-argument dwar il-flus li kien taha filgħodu aktar kmieni fil-ġurnata. Kif kienu qegħdin jargumentaw hi allegat li taha daqqa ta' ras f'rasha, f'għajnejha u mnehira u li ħebb għaliha w allegat li fil-fatt li kienet liebsa iul-pyjama u qattalha l-pyjama minn fuqha. Urietna wkoll xi grif li kellha fuqha above her chest. Dak il-hin kien hemm it-tfal u kien hemm oħtha wkoll u ċemplu għall-ambulanza u sadanittant ir-raġel telaq. Fl-ambulanza beda jdoqq il-mobile tas-sinjura Stephania Grech u weġbitu oħtha Charmaine Grech. Milli nistgħu nifhmu u li qaltilna Charmaine ukoll huwa li meta hija rrispondiet il-mobile ta' Stephania Grech, ma ndunax li kienet Charmaine u ħasibha Stephanie u hemmhekk beda jħeddidha li ħa joqtolha. Meta imbagħad infurmatu li ma kienetx Stephania imma kienet Charmaine, qisu baqa' jħedded li ħa joqtol lit-tnejn li huma. Imbagħad qisu*

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2018, fol. 56 sa' 59 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2018, fol. 65 u 66 tal-proċess.

*nqagħtet it-telefonata għax kien hemm xi tgħajjir minn naħa tat-tnejn sakemm waslu l-isptar. Qisu meta esplorajna hux dan kien l-ewwel inċident ta' dan it-tip, is-sinjura Grech qaltilna li ma kienx l-ewwel inċident u kien hemm ħafna inċidenti. Kien hemm inċidenti li ġew irrappurtati lill-Pulizija u oħrajn li ma ġewx irrappurtati lill-Pulizija. Dawk l-inċidenti li ġew irrappurtati lill-Pulizija, waslu l-Qorti imma ħafritlu fil-Qorti. Qisu mir-risk assessment ħareġ li l-okkazzjonijiet qisu fejn is-sur Saad ikun aggressiv mas-sinjura Grech ikunu ta' spiss u hi allegat li jkunu qisu darba fix-xahar fejn ikun hemm punching, kicking u ġieli kien hemm theddid li juża xi tip ta' armi. Ġieli kien hemm xi tip ta' injuries u kien hemm affarijiet li kienu gravi mhux ħażin. Allegat ukoll li kien hemm swat fuq it-tifel tiegħu wkoll u kien hemm diversi drabi fejn it-tifel spiċċa jiġi punched u kicked mir-raġel tagħha. Kien hemm diversi drabi fejn kien hemm theddid fuq il-ħajja wkoll u ma kienx biss ta' dakinhar u li l-alleged perpetrator kien ikun aggressiv u kien involut f'diversi ġliedet. Fil-fatt semmitilna wkoll li kien hemm diversi ġlidiet xi ġimgha qabel fejn hi kienet mgħajta mill-Għassa ta' San Ġiljan għaliex xi ħadd għamel rapport li s-sinjur sawwat lill-mara tiegħu li mbagħad qisu kien hemm naqra konfużjoni li mbagħad fir-realtà hi skopriet li ma kienetx hi għax hi kienet id-dar imma kienet xi mara oħra li kien qed jiffrekwenta dak iż-żmien. Dan kien hemm xi rapport lill-Pulizija fejn dan sawwatha imma mbagħad milli nista' nifhem dan ir-rapport ġie rtirat. … rajna li qisu kemm kien immedjat ir-riskju għax apparti li kien hemm ġrieħi kemm kienu evidenti, jiena minix tabiba imma kienu evidenti l-ġrieħi, kellha għajn minfuha sew, kien hemm ħafna theddid fuq il-persuna kif ukoll allegazzjonijiet fuq it-tifel li kien ikun phsically abused mill-missier. Jiġifieri f'dik l-okkażżjoni konna inkwetati ħafna kemm ghall-well being tas-sinjura kif ukoll għall-bqija tal-familja.*

**Laura Privitelli:** *Aħna ġejna msejħin fl-20 ta' Ottubru u jiena bħala Social Worker ta' l-Emergency on Call ħriġt wara s-siegħat tax-xogħol. Ġejna imsejħa għax kien hemm is-sinjura Grech li kienet qiegħda Mater Dei li kellha physical injuries f'wiċċha. Morna jiena u l-kollega tiegħi Silvana u kienet evidenti li kellha black eye u kellha qasma fuq l-eye lid ta' wiċċha kif ukoll kellha grif fuq iċ-chest. Is-sinjura Grech bdiet tgħidilna li dawn l-abbużi kienu mir-raġel tagħha li mhux qiegħda miegħu, qiegħda separata, u l-argument beda fuq manteniment ta' flus u beda jallega li qiegħda ma' xi ħaddieħor u qabdilha l-portmoni li kien fuq xi tavolina jew xi ħaġa biex jeħodilha l-flus u hi bdiet tissielet miegħu biex teħodlu l-portmoni lura u taħa daqqa ta' ras u spiċċat b'dawn l-injuries. Is-sinjura Grech qaltilna li kienet ilha f'relazzjoni tnax-il sena mar-raġel tagħha u l-abbuż kien beda mill-bidu nett. Ġieli kien hemm swat fuq it-tifel ukoll u anki dawn l-injuries saru quddiem it-tfal li kienu jkunu preżenti meta kien hemm l-abbuż.*

**Dr. Ryan Camilleri**[15], wieħed mit-Tobba li kien eżamina lil Stephanie Grech, iddikjara li: *bażikament kont eżaminajt lil Grech Stephanie minħabba li kienet involuta fi ġlieda allegatament, għamiltilha CT scan ta' rasha u jidher li kien hemm ksur f'għajnejha u fin-naħa tal-left ta' wiċċha allura n-natura ta' dawn jagħmluhom ta' natura gravi peress li kien ksur fil-wiċċ.* Għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni: *il-ġrieħi li kellha l-vittma li inti ċċertifikajt jikkorrispondu ma' allegat ġlieda?* Dr. Camilleri wieġeb: *ifhem diffiċli tgħid għax allegatament il-pazjenta qaltli li kienet*

[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, fol. 82 u 83 tal-proċess.

*involuta fi ġlieda u diffiċli tgħid jekk ġrawx affarijiet oħra.* Għall-mistoqsija tal-Qorti: *mid-diskors li kellek inti mal-pazjenta, qaltlek ma' min setgħat kienet involuta din il-ġlieda?* Dr. Camilleri wieġeb: *To be honest ma qagħadx nidħol f'dak id-dettal.*

L-allegati vittimi **Stephanie Grech** u **Eysleen Xuereb**, li ġew prodotti bħala xhieda mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, entrambe għażlu li ma jixhdux fil-konfront ta' l-imputat[16].

Il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn il-provi tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat huma interament ibbażati fuq xhieda ta' nies li ma kienux direttament involuti fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri iżda li xehedu prinċipalment a bażi ta' dak li qaltilhom Stephanie Grech, waħda mill-allegati vittmi li, jiġi ribadit, għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri.

Għalkemm l-Ispettur Oriana Spiteri xehedet dwar il-każ in kwistjoni, mix-xhieda tagħha huwa evidenti li hija xehdet a bażi ta' l-informazzjoni mogħtija lilha mis-Surġent PS 1576 Simon Grech Is-Surġent PS 1576 Simon Grech, għad illi kkonferma li Stephanie Grech kellha ġrieħi f'wiċċha, dwar kif seħħ l-allegat inċident xehed a bażi ta' dak li qaltlu Stephanie Grech dwar dan il-każ, affermazzjonijiet però li ma ġewx ikkonfermati taħt ġurament mill-istess Stephanie Grech. Anke s-Social Workers Silvana Calleja u Laura Privitelli, għalkemm ukoll ikkonfermaw li Stephanie Grech kellha ġrieħi f'wiċċha, dwar l-inċident in kwistjoni xehedu a bażi ta' dak lilhom affermat minn Stephanie Grech, affermazzjonijiet dawn, jiġi ribadit, li ma ġewx minnha kkonfermati taħt ġurament. Da parte tiegħu Dr. Ryan Camilleri, filwaqt li kkonferma li Stephanie Grech kellha ksur f'wiċċha, ma kkonfermax b'mod konklussiv li dawn verament kienu riżultat ta' ġlieda u lanqas seta' jgħid - għaliex personalment ma daħalx fil-kwistjoni - jekk dawn il-ġrieħi ġewx ikkawżati lil Stephanie Grech mill-imputat. Ix-xhieda mogħtija minn dawn ix-xhieda kollha għalhekk ma tistax titqies għajr li hija *hearsay evidence,* liema xhieda fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u fin-nuqqas tax-xhieda ta' Stephanie Grech u ta' Eysleen Xuereb, ma tistax u ma għandhiex titqies bħala xhieda valida w ammissibbli tal-ħtija ta' l-imputat għar-reati addebitati lilu.

L-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-Artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta reżi applikabbli għall-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-Artikoli 520(1)(d) u 645 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 598 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud igħid li gie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jingieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti. (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppozizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tichad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xhieda bħal dawk. (3) Izda l-qorti tista' ggiegħel lix-xhud li jsemmi il-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.* L-Artikolu 599 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Il-qorti tista', skont ic-cirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor*

[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, fol. 42 u 43 tal-proċess.

*ma jkunx jista jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż- żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fir-rigward ta' *hearsay evidence* l-Professur A.J. Mamo[17] jgħallem illi: *there are many reasons assigned for rejecting hearsay, the two principal being first, that the person originally stating the facts does not state them on oath, and secondly, that the person against whom the evidence is offered had not the opportunity of cross-examining that other person as to his recollection, veracity or means of knowledge. ... In Fitzgerald v. Fitzgerald (1863) it was stated that the foundation of the admissibility of any evidence is that it should be on oath, and that the party against whom it is tendered should have had reasonable opportunity of cross-examination.*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Ottubru 2011, fejn dwar ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġie osservat illi: *Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.' Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim' Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari. F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il- hearsay rule. ... Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk: "Fil-limitu tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi*

[17] Notes on Criminal Procedure, Vth Year.

*prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2012, ġie ulterjorment osservat illi: *Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali leġittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xhieda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu jkun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xhieda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xhieda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċizjoni dwar l-opportunità o meno li titħalla tingħata dik ix-xhieda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess*[18].

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami u b'mod partikolari għall-provi u xhieda li għandha quddiemha l-Qorti, għandu jirriżulta li x-xhieda mogħtija mill-Ispettur Oriana Spiteri, minn PS 1576 Simon Grech, mis-Social Workers Silvana Calleja u Laura Privitelli u minn Dr. Ryan Camilleri, għad illi tikkostitwixxi konferma tal-fatt li Stephanie Grech kellha ġrieħi f'wiċċha, **fl-assenza totali tax-xhieda ta' l-allegati vittimi Stephanie Grech u Eysleen Xuereb** ma tistax titqies li tikkostitwixxi prova valida u konklussiva li dak magħhom allegat fil-konfront ta' l-imputat - u ċioe li kien hu li ħebb għal Stephanie Grech u ikkaġunalha dawk il-ġrieħi, oltre ħsara fil-fond residenzjali tagħha, u li kien hu li ħebb għal Eysleen Xuereb - huwa bħala fatt kollu minnu u veritier.

Fid-dawl ta' dan għalhekk b'dawn il-provi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tistabilixxi u tipprova bil-mod opportun u kif meħtieġ għall-fini ta' proċedimenti kriminali l-ħtija ta' l-imputat għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Isegwi għalhekk li l-imputat għandu jiġi illiberat mill-akkużi kollha dedotti kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-akkużi kollha miġjuba kontrih.

---

[18] Vide wkoll Il-Pulizija v. Rita Scerri, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-9 ta' April 2019; Ir-Repubblika ta' Malta v. Eric Tanti, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018; Ir-Repubblika ta' Malta v. Daniel Felice, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Settembru 2016; Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Xuereb, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Lulju 2016; Il-Pulizija v. Fabio Schembri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-1 ta' April 2011; Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju 2005;

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**